MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 683/2001/1

**Avviz numru 683/01 DM**

**Marsaxlokk Sailing Club Company Ltd**

**Vs**

**Elbros Construction Limited u b'digriet tas-27 ta' Gunju, 2002, gew kjamati in kawza l-kumpanija Malta Fish Farming Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tlett mija u erbatax-il lira Maltin (Lm2,314) prezz ta' xogholijiet ta' komnikazzjoni ta' drenagg mal-proprjeta' tal-istanti esegwit fl-interess taghhom ghal uzu ta' 'fish farm' taghhom f'Xat is-Sajjieda, Marsaxlokk.

Bl-ispejjez, inkluzi  dawk taz-zewg ittri interpellatorji tal-1 ta' Frar u 1 ta' Gunju, 2001 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta  fejn eccepiet illi:

1. Is-socjeta' konvenuta mhijiex il-legittmu kontradittur.
2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi l-prezz tax-xogholijiet li ghalih issir referenza fl-avviz mhuwiex dovut lis-socjeta' attrici.
3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel  zewg eccezzjonijiet, l-ammont pretiz huwa eccessiv.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamata in kawza Malta Fishfarming Co Ltd  fejn eccepew illi:

1. Preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2149 (A) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talba attrici ghandha tigi michuda fil-konfront tal-eccipjenti stante illi fil-fatt u fid-dritt l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhix responsabbli ghalih is-socjeta' eccipjenti u ma ghandux jithallas minnha u dan kif jigi ppruvat mill-provi li jridu jigu prodotti f'dawn il-proceduri.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' riduzzjoni pprezentata mill-atturi fit-8 ta' Mejju 2002 fejn is-somma mitluba giet ridotta ghal Lm2,134 (elfejn u mija u erba' u tletin lira Maltin)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat id-dokumenti esibiti;
Semghet it-trattazzjoni  tad-difensuri tal-partijiet ;
Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti mill-atturi, konsistenti fid-deposizzjoni tad-direttur tal-kumpanija attrici Anthony Gatt ,jirrizulta illi effettivament xi kumpanija illi ghaliha kien qed jidher certu John Ellul kienet ghamlet uzu mis-sistema tad-drenagg privat tal-kumpanija attrici u bi ftehim verbali ma' l-istess John Ellul xi kumpanija minnu rappresentata kienet obbligat ruhha li thallas nofs il-valur tas-sistema tad-drenagg illi hija mieghu kkomnikat.

Giet esibita l-istima tal-Perit Anthony Muscat (a fol. 11 tal-process) fejn jirrizulta illi l-valur ta' din is-sistema kien ta' erba' telef, mitejn, disgha u sittin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm4,269.63) u li ghalhekk il-kumpanija attrici tippretendi li huma kienu ntitolati li jircievu minghand il-kumpanija illi kien qed jirraprezenta John Ellul nofs dik is-somma, ghalhekk ammont ta' elfejn, mija u erbgha u tletin lira Maltin (Lm2,134).

Minn naha taghhom il-konvenuti Elbros Construction Limited ikkontestaw it-talba attrici billi jsosstnu illi huma mhumiex il-legittimi kontraditturi fir-rigward tat-talba kif proposta mill-atturi u infatti mid-deposizzjoni ta' Anthony Gatt stess jirrizulta illi l-kumpanija illi effettivament qed taghmel uzu mis-sistema tad-drenagg hija kumpanija ohra, oltre dik konvenuta, u li ggib l-isem ta 'Malta Fish Farming Limited'.

Infatti l-atturi talbu u ottenew is-sejha fil-kawza ta' din il-kumpanija li minn naha taghha ecceppiet il-preskrizzjoni ta' sentejn (2) a tenur ta' l-Artikolu 2149 A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 2149 A tal-Kap. 16 jipprovdi illi l-azzjonijiet tal-kuntratturi ta' bini jew ta' xogholijiet ohra ta' njam, gebel jew materjal iehor ghall-opri mahdumin minnhom, jew ghall-materjal li jfornu jaqghu bil-preskrizzjoni b'gheluq ta' sentejn.

Ghalkemm mill-provi attrici ma jirrizultax illi l-kumpanija attrici hija kuntrattur ta' bini, it-talba minnhom maghmula ghall-prezz tax-xogholijiet minnhom esegwiti tinkwadra

ruhha fl-azzjoni prospettata mill-imsemmi Artikolu 2149 A tal-Kap. 16.

Billi jirrizulta illi  l-istess xogholijiet kienu bilfors gew esegwiti qabel l-1 ta’ Frar, 2001, id-data ta’ l-ewwel (1) ittra interpellatorja spedita lill-Elbros Construction Limited, u billi l-ewwel notifika li rcevew il-kjamati fil-kawza bl-avviz odjern kien fis-27 ta’ Frar, 2003, u billi, mid-deposizzjoni ta’ l-istess Anthony Gatt, il-komunikazzjoni mas-sistema a drenagg li setghet saret mill-kjamata fil-kawza kienet sehhet iktar minn sentejn (2) qabel ma dan Gatt kien ta’ ix-xhieda tieghu fit-8 ta’ Mejju, 2002, u billi ma tirrizulta ebda cirkostanza li tista’ b’xi mod timplika xi nterruzzjoni tal-perjodu preskrittiv u billi anke fid-data ta’ d-digriet tal-kjamat fil-kawza kien lahaq skada l-perijodu preskrittiv ta’ sentejn (2), tiddikjara ghalhekk illi l-azzjoni attrici fil-konfront tal-kjamati fil-kawza tinsab preskritta.

Billi fil-konfront tal-konvenuti Elbros Construction Limited il-pretensjoni attrici ma hijiex gustifikata u ma tirrizultax l-Qorti tiddisponi mit-talba attrici billi tichad l-istess talba fil-konfront tal-konvenuti u fil-konfront tal-kjamati fil-kawza, b’riserva ta kull azzjoni ohra li tista tispetta lill-atturi *si et quatenus.*

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------